MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta’ Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 317/2017 LM

**Saviour Grima (K.I. nru. 360079M)**
**li jeżerċita l-kummerċ f’isem Grima Interiors**
*(‘l-appellat’)*

***vs.***

**Rennie Mangion (K.I. nru. 520281M), u b’digriet tas-27 ta’ Frar, 2018, it-Tribunal ordna li l-isem ta’ ‘Rennie Mangion’ jiġi korrett u sostitwit bl-isem ‘Ronnie Mangion’***(l-appellant’)***,**

**u Bree Miller (K.I. nru. 366308L)**

**u permezz ta’ digriet datat 28 ta’ Novembru, 2017 ġie kjamat in kawża Eugenio Philip Vassallo (K.I. nru. 239177M)***(‘l-appellat kjamat fil-kawża’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Ronnie Mangion (K.I. nru. 520281M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’], mid-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta’

Lulju, 2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata], mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Saviour Grima (K.I. nru. 360079M) li jeżerċita l-kummerċ f’isem Grima Interiors** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat Grima’] fil-konfront tal-konvenuti **Ronnie Mangion (K.I. nru. 520281M)** u **Bree Miller (K.I. nru. 366308L)**, u l-kjamat in kawża **Eugenio Philip Vassallo (K.I. nru. 239177M)** [minn issa ‘l-appellat kjamat fil-kawża’], kif ġej:

> *“Għaldaqstant, għall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u konsistentement magħhom, it-Tribunal qed jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jilqa’ l-eċċezzjoni preliminari ta’ Eugenio Philip Vassallo u jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta’ Ronnie Mangion, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundanna lil Ronnie Mangion u Bree Miller iħallsu lill-attur solidalment bejniethom, is-somma ta’ elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), bl-imgħax dekorribbli mid-data tan-notifika lilhom tal-Avviż tat-Talba. (fn. 4: Mis-7 ta’ April, 2018 u ċioe meta ġiet notifikata Bree Miller bl-atti).*
>
> *L-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża, inklużi dawk tal-kjamat in kawża, għandhom jitħallsu mill-konvenuti Ronnie Mangion u Bree Miller* in solidum *bejniethom.”*

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur talab li l-konvenuti jiġu ordnati jħallsu s-somma ta’ elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, għal xogħlijiet li saru mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti fi proprjetà ġewwa Ħaż-Żebbuġ, skont fattura ffirmata bejn il-partijiet. L-attur qal li minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas, huma baqgħu inadempjenti.

3. Il-konvenut Ronnie Mangion wieġeb li l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għaliex huwa m’għandu jagħti l-ebda ammont lill-attur. Jgħid li fi

kwalunkwe każ, ix-xogħol li sar mill-attur Saviour Grima jinsab fil-pussess u qiegħed jitgawda minn Eugenio Philip Vassallo, u għalhekk it-talba tal-attur għandha tiġi indirizzata lilu.

4. Il-kjamat in kawża Eugenio Philip Vassallo wieġeb li huwa għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex mhuwiex leġittimu kontradittur, u m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur. Qal ukoll li huwa qatt ma inkariga lill-attur jagħmel xogħol fil-fond 1, li jinsab fit-tieni sular, formanti parti minn blokk appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Davigold' fi Triq il-Qamħ, Ħaż-Żebbuġ [minn issa 'il quddiem 'il-fond'], u t-talba tal-attur hija preskritta fil-konfront tiegħu. Il-kjamat in kawża żied jgħid li kien il-konvenut Ronnie Mangion li kien inkariga lill-attur sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, u fil-fatt kien Mangion li ħallas għall-parti l-kbira tal-ispejjeż. Il-kjamat fil-kawża spjega li Ronnie Mangion u hu kienu fuq konvenju, li baqa' ma ġiex konkluż il-bejgħ finali għaliex Mangion kellu problemi mal-bank. Qal li l-istess Mangion beda jordna u jagħmel xogħol fil-fond gosti tiegħu u għax ried hu. Il-kjamat fil-kawża qal li Mangion baqa' jirrisjedi fil-fond flimkien mas-sieħba tiegħu, u ma riedx jitlaq lanqas wara li skada l-konvenju, u sussegwentement huwa kellu jagħmel kawża għal żgumbrament u rebaħha. Qal ukoll li fil-mori tal-appell, il-konvenut u s-sieħba tiegħu żgumbraw mill-fond. Il-kjamat in kawża kompla jispjega li l-konvenut ippretenda li jkun hu li jsofri l-konsegwenzi għad-danni li ġab b'idejh il-konvenut meta ordna affarijiet għal fond li ma kienx tiegħu, u mingħajr il-kunsens tal-kjamat in kawża. Permezz ta' nota separata, u fuq ordni tat-Tribunal, il-kjamat in kawża speċifika li l-artikolu dwar il-preskrizzjoni invokat minnu, huwa l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Il-konvenuta Bree Miller baqgħet kontumaċi.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda billi laqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' Eugenio Philip Vassallo u illiberah mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' Ronnie Mangion, laqa' t-talbiet attriċi u kkundanna lil Ronnie Mangion u lil Bree Miller iħallsu lill-attur solidalment bejniethom is-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), bl-imgħax dekorribbli mid-data tan-notifika tal-Avviż tat-Talba, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal jikkunsidra;*
>
> *Il-fatti ta' dan il-każ jistgħu jiġu deskritti b'dan il-mod: il-konvenuti kienu kkonkludew konvenju fid-9 ta' Ġunju, 2014 permezz ta' liema Eugenio Philip Vassallo intrabat li jbiegħ u jittrasferixxi lil Ronnie Mangion u Bree Miller li intrabtu li jixtru u jakkwistaw l-appartament numru wieħed (1), Davigold, li jinsab fi Triq il-Qamħ, Ħaż-Żebbuġ (Malta). Wara li kien sar dan il-konvenju, iżda qabel ma sar il-bejgħ finali, Mangion u Miller kisbu aċċess għall-fond mingħand Vassallo, u bdew jokkupaw il-fond u jagħmlu spejjeż fih. (fn.1: ara s-sentenza mogħtija fl-atti tal-kawża* ***Eugenio sive Eugenio Philip Vassallo vs Ronnie Mangion u Bree Lora Miller*** *(Prim'Awla, 2 ta' Diċembru, 2014), foll. 44-45). Il-kuntratt finali ta' bejgħ ma sar qatt. Peress li Mangion u Miller kienu qegħdin effettivament jgħixu f'dan il-fond Vassallo kien intavola proċeduri ta' żgumbrament kontra tagħhom, u Mangion u Miller ġew ordnati jiżgumbraw mill-istess fond permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Diċembru, 2014. (fn. 2: ara Dokument EPV1 a fol. 41). L-attur jgħid li Mangion kien qabbdu sabiex jagħmel xogħol ta'* gypsum*, li kien tħallas għalih, u imbagħad Mangion u Miller kienu għażlu xi* fittings *tal-elettriku u kienu ftiehmu li l-prezz totali ta' €4,000 jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €1,000. Skont l-attur il-konvenuti kienu ħallsu biss is-somma ta' €1,500 permezz ta' żewġ pagamenti, wieħed ta' €1,000 u ieħor ta' €500, u imbagħad ma ħallsu xejn aktar.*

*Il-kjamat in kawża Eugenio Philip Vassallo eċċepixxa preliminarjament li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża għaliex m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-attur.*

*Dan it-Tribunal diġà kellu varji okkażjonijiet biex jaffronta diskussjoni dwar il-preżenti tematika. Hawnhekk issir referenza għar-riljevi l-aktar rilevanti mwettqa fid-deċiżjonijiet in re* ***Alfred Xerri v. Kevin Chircop et*** *(Tribunal għal Talbiet Żgħar, 6 ta' Ġunju, 2018);* ***Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Eżekuttiv noe*** *(Tribunal għal Talbiet Żgħar, 6 ta' Ġunju, 2018; konfermata fl-appell fil-25 ta' Jannar, 2019);* ***Elmo Insurance Ltd et v. Kunsill Lokali Pembroke et*** *(Tribunal għal Talbiet Żgħar, 19 ta' Novembru, 2019);* ***Untours Insurance Agents Ltd noe v. Muriel Micallef et*** *(Tribunal għal Talbiet Żgħar, 31 ta' Ottubru, 2019); u* ***Raymond Borg v. Vincent Vella et*** *(Tribunal għal Talbiet Żgħar, 5 ta' Novembru, 2020). It-Tribunal jirreferi għall-partijiet rilevanti misjuba f'tali deċiżjonijiet li għandhom jgħoddu wkoll għal din is-sentenza. (fn. 3: it-Tribunal jistieden ukoll li wieħed jara s-sentenza tal-istess Tribunal fl-ismijiet* ***Romina Mifsud vs Awtorità għat-Trasport f'Malta et*** *tal-31 ta' Noembru, 2021 għall-elaborazzjoni dwar il-materja tar-rapport ġuridiku).*

*Wara li għarbel il-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal iqis li din l-eċċezzjoni tal-kjamat in kawża hija fondata. Mill-provi ma jirriżulta l-ebda ness ġuridiku bejn l-attur u l-kjamat in kawża. L-oġġetti mixtrija minn Mangion u Miller mingħand l-attur ġew ordnati esklussivament mill-konvenuti Ronnie Mangion u Bree Miller. Il-fattura esebita a fol. 2, li fiha jinsab il-ftehim dwar il-pagamenti mensili li kellhom isiru, hija ffirmata minn Mangion u Miller biss u mhux ukoll minn Vassallo. Inoltre, l-attur ikkonferma fix-xhieda tiegħu li hu qatt ma nnegozja ma' Vassallo iżda biss ma' Mangion u Miller. Ma jirriżultax lanqas li Mangion u Miller kienu qed jidhru a nom jew in rappreżentanza ta' Vassallo. Mill-verżjoni tal-fatti spjegata mill-partijiet u l-provi li ġew prodotti quddiemu, it-Tribunal jifhem li Mangion u Miller kienu xtraw l-oġġetti in kwistjoni proprju għaliex ħasbu li huma kienu ser isiru s-sidien tal-proprjetà fil-futur prossimu, peress li kienu qegħdin fuq konvenju ma' Vassallo. Għalhekk huwa ċar għal dan it-Tribunal li l-konvenuti Mangion u Miller kienu xtraw dan l-oġġetti mingħand l-attur bil-ħsieb li huma kienu qed jisperaw li kienu ser ikunu a benefiċċju tagħhom. Għalkemm huwa l-proprjetà li fl-aħħar mill-aħħar baqgħet tappartjeni lil Vassallo, it-Tribunal iqis li m'hemmx dubju li Vassallo qatt ma kien parti materjali minn negozju konkluż bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tirriżulta fondata u Vassallo qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Stante l-liberazzjoni ta' Vassallo mill-ħarsien tal-ġudizzju, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni minnu mqanqla m'hemmx ħtieġa li tiġi intrattenuta.*

*Sorvolata din il-materja preliminari, it-Tribunal sejjer idur issa sabiex jeżamina l-mertu tal-pretensjoni attriċi fir-rigward tal-bqija tal-konvenuti Mangion u Miller.*

*Bħala prova l-attur preżenta fattura (a fol. 2) li telenka l-materjal li kien inxtara mill-konvenuti għal total ta' erbat elef Euro (€4,000). Fuq din il-fattura ġie indikat li din is-somma kienet ser titħallas permezz ta' erba' pagamenti mensili, ta' €1,000 kull wieħed. L-istess fattura tindika li l-pagament ta' €1,000 li kellu jsir fil-21 ta' Awwissu, 2014 kien tħallas u saldat, filwaqt li l-pagament ta' €1,000 li kellu jsir fit-30 ta' Settembru, 2014 kien tħallas biss nofsu. L-ebda pagament ieħor ma jidher li sar skont din il-fattura.*

*L-attur xehed* viva voce *quddiem dan it-Tribunal waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018 u kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-konvenuti Mangion u Miller kellhom iħallsuh total ta' €4,000 u li minn din is-somma ħallsu biss €1,500 u għalhekk baqa' bilanċ ta' €2,500. Il-konvenuti għażlu li ma jagħmlux kontro-eżami tal-attur. Eżaminat ix-xhieda tal-attur mal-atti tal-kawża, it-Tribunal ma jsib xejn li jikkontradiċi x-xhieda tiegħu u jpoġġi fid-dubju l-veraċità tal-verżjoni attriċi.*

*It-Tribunal jinnota li l-konvenuti ftit li xejn iddefendew il-pożizzjoni tagħhom. Miller baqgħet kontumaċi, filwaqt li Mangion ma ppreżenta l-ebda prova in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu ħlief għal sentenza mogħtija kontra Eugenio Philip Vassallo mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2017 permezz ta' liema Vassallo nstab ħati tar-reat ta'* ragion fattasi *għaliex kien biddel is-serratura tal-bieb tal-proprjetà in kwistjoni wara s-sentenza ta' żgumbrament imsemmija aktar 'il fuq.*

*Id-difensur legali ta' Mangion għażlet li ma tagħmilx sottomissjonijiet finali, u għalhekk qatt ma ngħata ebda kuntest jew spjegazzjoni tal-prova li Mangion kien qiegħed jipprova jagħmel bil-produzzjoni ta' din is-sentenza.*

*Fil-fehma ta' dan it-Tribunal is-sentenza esebita mill-konvenut m'hija tal-ebda rilevanza f'dawn il-proċeduri. Mhuwiex kontestat li l-proprjetà in kwistjoni qatt ma ġiet trasferita il Mangion u Miller u għalhekk kienet u għadha proprjetà ta' Vassallo. Il-fatt imbagħad li Vassallo instab ħati ta'* ragion fattasi *għaliex ħa l-liġi b'idejh biex jiżgombrahom mill-proprjetà tiegħu mhijiex kwistjoni li tinfluwenza d-determinazzjoni ta' din il-vertenza, li tittratta r-relazzjoni ġuridika ta' bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller u mhux kwalunkwe relazzjoni ġuridika li jista' jkun hemm bejn il-konvenuti.*

*Min-naħa tiegħu l-konvenut Mangion ma ressaq l-ebda prova ħlief għas-sentenza kontra Vassallo appena diskussa. Jidher li l-pożizzjoni ta' Mangion hija prinċipalment dik li l-proprjetà hija ta' Vassallo u għalhekk kwalunkwe ħlas għandu jsir minn Vassallo għaliex ser ikun hu li jibbenefika mill-oġġetti ordnati minnhom. Però, it-Tribunal diġà kkonsidra aktar 'il fuq, li r-relazzjoni ġuridika tal-attur hija ma' Mangion u Miller u mhux ma' Vassallo, u għall-finijiet ta' din il-kawża huwa irrilevanti min hu s-sid tal-proprjetà. Jirriżulta li kienu Mangion u Miller li għażlu u ordnaw l-oġġetti in kwistjoni mingħand l-attur, u dan bil-ħsieb li dawn ix-xogħlijiet kienu ser ikunu ta' benefiċċju għalihom. Il-fatt li imbagħad il-kuntratt finali ma sarx u l-proprjetà baqgħet ta' Vassallo ma tbiddel xejn mir-relazzjoni ġuridika ta' bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller, u hija kwistjoni li, se mai, trid tiġi indirizzata u riżolta bejn il-konvenuti ma' Vassallo, indipendentement mill-attur.*

*Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal iqis li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa."*

## <u>L-Appell</u>

7. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-3 t'Awwissu, 2022, il-konvenut hawnhekk appellant Ronnie Mangion, talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-partijiet l-oħra.

8. L-appellant spjega li fid-9 ta' Ġunju, 2014 huwa kkonkluda konvenju li permezz tiegħu l-kjamat fil-kawża Eugenio Philip Vassallo intrabat li jbiegħ u jittrasferixxi favur tiegħu u ta' Bree Miller, li min-naħa tagħhom intrabtu li jixtru u jakkwistaw il-fond. L-appellant qal li wara li sar dan il-konvenju, u għalkemm kien għadu ma ġiex konkluż il-bejgħ finali, hu u Miller kisbu aċċess għal dan il-fond mingħand Vassallo, u bdew jokkupaw il-fond u jagħmlu l-ispejjeż fih. Żied jispjega li l-kuntratt ta' bejgħ finali baqa' ma sar qatt. Qal li minkejja li kien hemm appell pendenti, il-kjamat fil-kawża Eugenio Philip Vassallo ħa l-pussess

tal-fond f'idejh, u fl-10 ta' Jannar, 2017 nstab ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* mill-Qorti tal-Maġistrat. L-appellat Grima qal li Mangion kien qabbdu sabiex jagħmel xogħol ta' *gypsum,* li kien tħallas għalih, u imbagħad Mangion u Miller kienu għażlu l-*fittings* tal-elettriku u ftiehmu miegħu li l-prezz totali ta' €4,000 kellu jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €1,000. L-appellat allega li l-appellant kien ħallsu biss is-somma ta' €1,500 permezz ta' żewġ pagamenti, wieħed ta' €1,000 u ieħor ta' €500, u imbagħad ma ħallsu xejn aktar.

9. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli għall-każ. Qal li huwa minnu li huwa beda jordna u jagħmel xogħlijiet fil-fond gosti tiegħu għax ried hu. Qal ukoll li l-kjamat fil-kawża Eugenio Philip Vassallo iddeċieda li jeżerċita d-dritt jew il-jedd li ppretenda li kellu, u fixkel lil Ronnie Mangion u lil Bree Lora Miller fil-pussess tal-fond u ndaħal anki fi ħwejjiġhom. Żied jgħid li l-appellat kjamat fil-kawża żamm l-oġġetti li kienu nstabu fil-fond li kienu tal-appellant, u naqas milli jiddepożitahom il-Qorti. Qal ukoll li l-kjamata fil-kawża saret għaliex l-appellant safa vittma tal-att illegali li wettaq l-appellat kjamat fil-kawża, u dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni li tat. L-appellant saħaq li filwaqt li huwa minnu li r-relazzjoni ġuridika oriġinali kienet bejn il-konvenuti u l-attur, meta l-appellat kjamat fil-kawża ħa l-liġi b'idejh dan sar responsabbli għal dawk l-affarijiet li kienu l-oġġett tar-reat tar-*ragion fattasi.* Qal li għalhekk huwa l-kjamat fil-kawża li jrid jagħmel il-pagamenti li għad fadal pendenti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

10. L-appellat kjamat fil-kawża Eugenio Philip Vassallo wieġeb li l-eċċezzjoni preliminari tiegħu quddiem it-Tribunal kienet li huwa għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, u din l-eċċezzjoni ntlaqgħet mit-Tribunal, li għalhekk m'għaddiex sabiex jikkunsidra l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu. L-appellat kjamat fil-kawża qal li mill-provi ma jirriżulta li hemm l-ebda ness ġuridiku bejnu u bejn l-attur, u l-oġġetti mixtrija minn Mangion u Miller mingħand l-attur ġew ordnati esklussivament minn Ronnie Mangion u minn Bree Miller. Qal li l-fattura esebita turi l-ftehim li kien hemm dwar il-pagamenti mensili li kellhom isiru, hija ffirmata minn Mangion u Miller biss, u mhux minn Vassallo wkoll. Qal li l-attur ikkonferma wkoll li huwa qatt ma nnegozja miegħu, iżda nnegozja biss ma' Mangion u Miller. L-appellat kjamat fil-kawża qal li lanqas ma jirriżulta li Mangion u Miller kienu dehru għan-nom jew in rappreżentanza tiegħu. Qal li l-pożizzjoni ta' Mangion hija li l-fond huwa ta' Vassallo, u għalhekk kwalunkwe ħlas għandu jsir minnu, għaliex ser ikun hu li jibbenefika mill-oġġetti ordnati mill-appellant u minn Miller. L-appellat Vassallo qal li t-Tribunal diġà kkunsidra r-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-appellanti Mangion u Miller, u qal li dan m'għandu l-ebda relazzjoni ma' Vassallo, u għalhekk għall-finijiet ta' din il-kawża huwa irrilevanti min huwa s-sid tal-fond. Qal li għandu jirriżulta li kienu Mangion u Miller li għażlu u ordnaw l-oġġetti in kwistjoni mingħand l-attur, u dan bil-ħsieb li x-xogħlijiet kienu ser ikunu ta' benefiċċju għalihom. Qal ukoll li l-fatt li l-kuntratt finali ma sarx u l-fond baqa' ta' Vassallo, ma jibdel xejn mir-relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-appellant u Miller, u din hija kwistjoni li trid tiġi

indirizzata u riżolta bejn l-appellanti u Vassallo, u għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellant.

11. L-appellat kjamat fil-kawża f'dan l-istadju fetaħ parentesi sabiex jissottolinja n-norma proċedurali importanti li trid li kwalunkwe intromissjoni mill-Qorti tal-Appell għandha tkun meħtieġa minħabba raġunijiet gravi u ta' neċessità li jridu jkunu imprexxindibbli. Qal ukoll li bħala prinċipju, qorti ta' reviżjoni ma tistax tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti. L-appellat kjamat in kawża qal li l-preżenti appell għandu jiġi miċħud għaliex il-motiv warajh huwa msejjes esklussivament fuq kif it-Tribunal eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, u mill-qari tar-rikors tal-appell għandu jirriżulta li l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni eżerċitata mit-Tribunal mad-diskrezzjoni tagħha. L-appellat kjamat fil-kawża qal li l-ilmenti odjerni sollevati mill-appellant, kienu u baqgħu dawk espressi quddiem it-tribunal tal-ewwel grad, u l-istess sottomissjonijiet u fehmiet identiċi tiegħu qegħdin jiġu ridimensjonati jew imfassla ripetutament bħala aggravji. Qal li b'hekk l-appellant qiegħed jipprova jerġa' jiftaħ indaġini fuq mertu li diġà ġie ttrattat, evalwat u deċiż, u dan ma jistax iseħħ quddiem qorti ta' reviżjoni, ħlief għal raġunijiet manifestement plawsibbli u gravi, liema motivi ma jeżistux fil-każ odjern.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli għall-każ]*

13. L-appellant jgħid li t-Tribunal kellu jsib li l-appellat kjamat fil-kawża eżerċita jedd li ppretenda li kellu, u b'hekk fixkel lill-appellant u lil Bree Miller fil-pussess ta' ħwejjiġhom. Jgħid li l-appellat kjamat fil-kawża żamm għalih oġġetti tal-appellanti u naqas milli jiddepożitahom taħt l-awtorità tal-Qorti, u meta nstab ħati tar-reat ta' *ragion fattasi,* l-appellat kjamat fil-kawża sar responsabbbli għall-affarijiet li kienu l-oġġetti tar-reat. Jgħid li finalment huwa l-appellat kjamat fil-kawża li qiegħed jibbenefika mill-oġġetti li ġew ordnati u installati fil-fond li t-trasferiment tiegħu lill-appellant u Bree Miller baqa' ma mmaterjalizzax, u għalhekk huwa l-appellat kjamat fil-kawża li għandu jħallas lill-appellat għall-oġġetti akkwistati mingħandu.

14. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal kien korrett meta qies li r-relazzjoni ġuridika fil-każ odjern, hija limitata għal dik bejn l-appellat, u l-appellant u Bree Miller, u l-appellat kjamat fil-kawża għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex m'hemm l-ebda ness ġuridiku bejnu u l-appellat Grima. Il-fattura li biha ġew akkwistati oġġetti li ġew installati fil-fond, li baqa' ma ġiex trasferit lill-appellant u lil Bree Miller, hija ffirmata mill-appellant u minn Miller biss, u bl-ebda mod ma jirriżulta li l-appellat kjamat fil-kawża approva tali ordni jew li l-appellant u Miller kienu qegħdin jaġixxu għan-nom jew fl-interess tal-appellat kjamat fil-kawża. Il-Qorti tirrileva wkoll li kienet responsabbilità tal-appellant u

ta' Miller li għamlu spejjeż u xtraw oġġetti għal fond li kien għadu ma sarx proprjetà tagħhom, u li fuqu huma kienu biss iffirmaw konvenju. Qabel l-iffirmar tal-kuntratt li permezz tiegħu isir it-trasferiment sħiħ tal-fond, minn jidher fuq konvenju bħala kumpratur prospettiv, m'għandu l-ebda jeddijiet fuq il-fond, u għalhekk kwalsiasi oġġetti li nxtraw u tqiegħdu fil-fond mill-appellant u minn Brie Miller, huma unikament responsabbilità tagħhom. Bl-ebda mod ma jirriżulta li l-appellat kjamat fil-kawża kien parti min-negozju li ġie konkluż bejn l-appellat Grima, u Mangion u Miller, u għalhekk la darba dawn il-proċeduri qegħdin jiddeterminaw min għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas pretiż mill-appellat Grima, huma Mangion u Miller li għandhom jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż. F'każ li Mangion u Miller jidhrilhom li hemm lok fejn jinfetħu proċeduri kontra l-appellat kjamat fil-kawża Vassallo sabiex jirkupraw l-imsemmija spejjeż, din il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata u deċiża fi proċeduri *ad hoc*. L-appellat Grima kien korrett meta istitwixxa il-proċeduri odjerni kontra Mangion u Miller, u t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu li għandhom ikunu Mangion u Miller li jagħmlu tajjeb għall-ammont pretiż mill-appellat Grima.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**